

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' April 2010

**dwar l-importazzjoni ta' oġġetti bla dazju maħsuba biex jitqassmu jew ikunu disponibbli mingħajr
ħlas lill-vittmi tat-terremot li seħħ f'April 2009 fir-Repubblika Taljana**

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 2227)

(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)

(2010/214/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1186/2009 tas-16 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet mid-dazju doganali⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 76 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-talba magħmula mill-Gvern tar-Repubblika Taljana tas-17 ta' April 2009 u l-4 ta' Jannar 2010 fejn jitlob importazzjoni bla dazju ta' oġġetti li jitqassmu jew li jkunu disponibbli mingħajr ħlas lill-vittmi tat-terremot li seħħ f'April 2009 fir-Repubblika Taljana.

Billi:

- (1) Terremot huwa diżastru skont it-tifsira tal-Kapitolu XVII C tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009; għalhekk hemm raġuni għall-awtorizzazzjoni tal-importazzjoni ta' oġġetti bla dazju li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikoli 74 sa 80 ta' dak ir-Regolament.
- (2) Sabiex il-Kummissjoni tkun infurmata kif xieraq dwar l-użu magħmul tal-oġġetti ammessi bla dazju, il-Gvern tar-Repubblika Taljana jrid jikkomunika l-miżuri meħuda biex jipprevjenu dawn l-oġġetti milli jiġu użati b'mod differenti mill-użu stabbilit.
- (3) Il-Kummissjoni għandha tkun infurmata wkoll dwar il-punt u n-natura tal-importazzjoni.
- (4) L-Istati Membri l-oħra ġew ikkonsultati skont l-Artikolu 76 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009,

⁽¹⁾ ĠU L 324, 10.12.2009, p. 23.

Artikolu 1

1. L-oġġetti impurtati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa minn entitajiet tal-Istat jew organizzazzjonijiet approvati mill-awtoritajiet Taljani kompetenti li għandhom jitqassmu minnhom mingħajr ħlas lill-vittmi tat-terremot li seħħ f'April 2009 fir-Repubblika Taljana, jew li jkunu disponibbli mingħajr ħlas filwaqt li jibqgħu l-proprietà tal-organizzazzjonijiet ikkonċernati, għandhom ikunu ammessi bla dazji fuq l-importazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 2(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009.

2. L-oġġetti impurtati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa minn aġenziji ta' assistenza sabiex jilhqgħu l-ħtiġijiet tagħhom matul il-perjodu tal-attività tagħhom għandhom ukoll ikunu ammessi bla dazju.

Artikolu 2

Il-Gvern tar-Repubblika Taljana għandu jikkomunika lill-Kummissjoni mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010 il-lista tal-organizzazzjonijiet approvati msemmija fl-Artikolu 1(1).

Artikolu 3

Il-Gvern tar-Repubblika Taljana għandu jinforma bis-sħiħ lill-Kummissjoni, mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010, dwar in-natura u l-kwantitajiet tal-oġġetti varji ammessi bla dazju taħt l-Artikolu 1, skont kategorija wiesgħa ta' prodotti.

Artikolu 4

Il-Gvern tar-Repubblika Taljana għandu jinforma lill-Kummissjoni mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010 dwar il-miżuri li qed tieħu biex tiżgura li hemm konformità mal-Artikoli 78, 79 u 80 tar-Regolament (KE) Nru 1186/2009.

Artikolu 5

L-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni għandha tapplika għall-importazzjonijiet magħmula wara s-6 ta' April 2009 u mhux wara l-31 ta' Mejju 2010.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' April 2010.

Għall-Kummissjoni
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni
